29 ta' Marzu, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Carmela Borg**

**Armi tan-Nar — Konfiska — Delitt —**
**Art. 3 u 19 tal-Kap. 106, u art. 25 (3) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ir-reat ta' min iżomm arma tan-nar mingħajr permess tal-Pulizija huwa delitt, fejn id-dolo huwa element neċessarju; b'mod li ma għandux jitqies ħati ta' dan id-delitt min jikser il-liġi involontarjament.*

*Jekk imbagħad l-arma għandhiex tiġi konfiskata, avvolja l-imputat ikun ġie liberat, huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti skond il-liġi. Fil-każ preżenti l-Qorti rriteniet li ċ-ċirkustanzi tal-każ kienu jissuġġerixxu l-eżenzjoni ta' l-arma mill-konfiska.*

Fuq l-akkuża tal-Pulizija kontra Carmela Borg talli f'Hal Qormi, fl-aħħar tliet xhur ta' qabel it-taħrika, żammet arma tan-nar (senter) mingħajr liċenza tal-Pulizija, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tad-9 ta' Frar 1952, wara li rat l-art. 3 u 19 tal-Kap. 106 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja, illiberatha taħt l-Art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, u ordnat il-konfiska tas-senter ;

L-imputata appellat;

Il-Qorti semgħet il-provi..................,

Mill-provi rriżulta li omm l-imputata kellha s-senter in kwistjoni f'darha, u sas-sena 1952 dak is-senter kien reġistrat għand il-Pulizija f'isem ħu l-imputata. L-imputata kienet tgħix f'dar ommha. Sew ħuha kemm ommha mietu, u kienet oħtha li kienet tieħu ħsieb tad-dar kollha. Dak is-senter kien merfuħ id-dar fejn mietet l-omm u fejn kienet toqgħod l-imputata; iżda l-imputata nsietu għal kollox, tant li lanqas inkludietu fid-denunzja tas-suċċessjoni ta' ommha. L-imputata ftakret fih meta ssemma f'kawża ċivili, u ftit ġranet wara l-imputata marret tirreġistrah għand il-Pulizija. Fl-intervall tal-proċedura tar-reġistrazzjoni l-Pulizija elevat dak is-senter;

Mill-fatti li rriżultaw jidher ċar li l-imputata kienet fil-bona fede u ma kisretx il-liġi volontarjament, peress li kien ħarġilha minn rasha għal kollox li fid-dar kien għad hemm senter li kellha ommha. Is-senter kien merfuħ, u għalhekk ma kienx f'xi post fejn wieħed bilfors jarah. L-imputata wriet il-bona fede meta minn jeddha marret hi stess tirrapporta u tirreġistra dik l-arma għand il-Pulizija;

Ir-reat attribwit lill-imputata huwa delitt, u fid-delitti element neċessarju huwa d-dolo. Fil-każ ta' l-imputata, id-dolo huwa eskluż; u għalhekk m'hemmx ir-reat;

Lanqas ma hu l-każ li l-Qorti tordna l-konfiska ta' l-arma bis-saħħa ta' l-art. 25 (3) tal-Kodiċi Kriminali. F'dak il-każ il-konfiska hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, u ċ-ċirkustanzi tal-każ, speċjalment il-fatt li l-imputata stess, qabel ma ttieħed ebda pass mil-Pulizija kontra tagħha, ħadet ħsieb tmur tirrapporta u tirreġistra l-arma għand il-Pulizija, jiġġustifikaw l-eżenzjoni mill-konfiska; salvi kull xorta ta' provvedimenti oħrajn li skond il-liġi tista' tieħu l-Pulizija fuq il-kustodia jew liċenza ta' dik l-arma;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata; u tillibera lill-imputata.